# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 251 :: APRIL, 2017



***Editur: Paul Vella***

paul.vella44@gmail.com


*Il-President u l-Kumitat tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria jixtiequ lill-membri kollha u l-familji tagħhom u lill-qarrejja tal-Folju tagħna*

*l-Għid it-Tajjeb*



## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

## ŻIFFA MQARBA F'ĦAL BUFFURA — *Rita Saliba*




F'Ħal Buffura kienu qed jiġru ħwejjeġ strambi...

In-nies ta' Ħal Buffura kienu medhijin wisq fil-ħiliet tagħhom f'dan ir-raħal immelles mir-riħ.

Renè ma kellux minn dawn it-talenti. Lanqas ma kien jaf ikanta bħal ħutu Dora u Miranda. Ħabbel moħħu kemm-il darba x'jista' jagħmel biex jibqa' mfakkar. U kien f'mument bħal dan li ġiet iżżuru żiffa riħ, tellfitu milli jaħseb u fixklitu milli jibqa' sejjer għal triqtu.

Is-Sindku ta' Ħal Buffura kien qed jitħabat wisq. Jeħtieġ li jiġbed it-turisti f'dar-raħal ħalli jiżdied il-kummerċ... biex ħadd ma jsir jaf min hu tassew...

Iżda f'Ħal Buffura li ħa ismu mill-irjieħ li kienu jżuruh, l-arja ma kellhiex kwiet. Xi ħadd kien qed iqajjem riħ, buffura jew riefnu f'ħin bla waqt.

X'riedu dawn il-buffuri? Min kien qed iqajjimhom? Tgħid xi żiffa mqarba?

## *Dan l-aħħar iltqajt fuq l-internet ma' Charles Mifsud*



Charles twieled il-Belt u joqgħod Fleur-De-Lys. Huwa kiteb għall-ewwel darba fil-pubbliku fl-1971, meta kiteb il-kanzunetta "MARIJA L-MALTIJA" dik li kellha tkun l-ewwel kanzunetta Maltija fil-"Eurovision". Imbagħad fl-1975 kellu l-kanzunetta "SINGING THIS SONG" li wkoll kienet l-ewwel kanzunetta Maltija b'lirika Ingliza fil-"Eurovision". Sal-lum, kotba tal-poeżija ppubblika kiteb sitta. Kiteb żewġ oratorji Marjani, għadd kbir ta' kanzunetti lokali u ħafna kitbiet oħrajn. Huwa membru wkoll tal-Akkademja tal-Malti. Dawn fost ħafna kitbiet oħrajn. Ilu mill-24 ta' April, 2015, kuljum, ixandar poeżija fuq il-F.B.

*(Poeżija ta' Charles Mifsud, Paġna 5)*



**Is-Sur Achille Mizzi jgħaddi lill-Akkademja tal-Malti dokumenti varji relatati mal-Presidenza tiegħu matul is-snin 1995-2000 fil-laqgħa tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2017.**

# BBQ b'xejn għall-membri kollha

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Marzu, il-kumitat tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria organizza BBQ b'xejn għall-membri kollha. Bħas-soltu dan inżamm fuq il-proprjetà tal-membri tagħna Frank u Draga Bonett li joqogħdu f'Bulla.

Madwar 40 membru kienu preżenti li waslu mall-11 ta' filgħodu. Minn dawk li waslu l-ewwel kienu il-mużiċisti: Joe Gauci (kitarra), Alfred Xuereb (synthesiser), Joe Camilleri (perkussjoni) u Manuel Casha (kitarra). Dawn mill-ewwel bdew jarmaw l-istrumenti tagħhom.

Il-membri mill-ewwel ħadu posthom fuq l-imwejjed li Frank u Draga kienu ġa ppreparaw għalina.

It-tisjir taz-zalzett u l-laħam kien f'idejn Joe Lofaro u Charles Attard.

Fl-istess ħin is-Segretarja Soċjali, Salvina Vella, flimkien ma' Rose Lofaro, Doris Sammut, Rosemary Attard u Draga Bonett offrew l-għajnuna tagħhom u bdew jippreparaw is-salads u affarijiet oħra. Matul dan kollu l-mużiċisti kienu ġa bdew idoqqu.

F'qasir ħin Joe u Charles sajru l-laħam u z-zalzett u beda jitqassam l-ikel, u kulħadd kiel u xeba u kien hemm biżżejjed għal min ried aktar. Minbarra l-laħam u zalzett, kien hemm ukoll basal u ħafna salads differenti, imbid aħmar u abjad, u xorb minerali u matul il-jum kollu kien hemm te u kafe` u ħafna ħelu bħal biskuttini tal-lewz (Lora Gauci), kejks (Mary Xuereb), pudina (Marie Louise Anastasi) u galletti (Rose Muscat) barra affarijiet oħra pprovduti mill-Kumitat bħal għażla ta' frott, dulliegħ, bettiegħ u għeneb.

Wara l-ikel kellna madwar siegħa u nofs mużika li kulħadd ħa gost biha.Imbagħad kien wasal il-ħin għall-qari ta' xogħol oriġinali u/jew xogħol ta' awturi oħra. Peress li ħafna mill-membri kellhom xi xogħol biex jaqraw qattajna xi siegħa nisimgħu il-proża u poeżija.

Aktar tard saret preżentazzjoni lil Frank u Draga Bonett bħala ringrazzjament li ta' kull sena jilqgħuna fuq il-proprjetà tagħhom u, mhux biss, imma jippreparaw l-imwejjed u s-siġġijiet għalina. Minn hawn għal darb'oħra, f'isem il-kumitat u l-membri nerġgħu nirringrazzjawhom.

Matul il-jum iltqajna ma' Tara, in-neputija (granddaughter) ta' Frank u Draga Bonett, it-tifla tat-tifla tagħom, Melita u żewġha. Tara tieħu sehem f'ħafna kompetizzjonijiet taż-żwiemel u wrietna ħafna miż-żigarelli li rebħet għas-suċċessi tagħha f'dan l-isport.

Nirringrazzjaw lill-mużiċisti li ta' kull sena jallegrawna bil-mużika tagħhom. Grazzi lill-membri li ġiebu magħhom xi ħelu u affarijiet oħra. Grazzi wkoll lil Joe Lofaro u Charles Attard li kellhom it-tisjir tal-BBQ f'idejhom. Grazzi speċjali lis-Segeretarja għall-Affarijiet Soċjali, Salvina Vella, li ħadet ħsieb għal dak li hu xiri u ħafna preparamenti oħra.

Kollox fuq kollox konna kuntenti li kulħadd ħa gost u ħareġ sodisfatt b'dak kollu li ġie pprovdut.

Din is-sena il-BBQ reġa' kien wieħed ta' suċċess kbir.

***Aktar ritratti f'paġna 3***









Victoria Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**












*Tikteb Leanne Ellul minn Malta . . .*

# IL-FESTIVAL TAL-KTIEB FUQ IL-KAMPUS 2017

**Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus 2017 reġa' magħna għar-raba' sena konsekuttiva. Il-Festival kellu jsir l-Università fl-4-5-6 ta' April mill-10 ta' filgħodu sa tard filgħaxija. L-għan tal-Festival huwa li jippromovi l-letteratura fis-sħuħija tagħha waqt li jagħti lok lill-pubblikaturi u distributuri tal-kotba jippromovu l-materjal tagħhom ma' udjenza matura, bħall-istudenti universitarji.**

Il-pubblikaturi u d-distributuri li se jieħdu sehem din is-sena huma HORIZONS, FARAXA BOOKS, SENSIELA KOTBA SOĊJALISTI (SKS), STUDENTS PHILOSOPHICAL SOCIETY, EDE, KOTBA CALLEJA, u BDL. Uħud minn dawn il-pubblikaturi u d-distributuri ħejjew attivitajiet bħala parti mill-programm. Fosthom insibu t-tnedija ta' kollezzjoni ta' poeżiji ta' Prof. Kenneth Wain bl-isem 'Who looks at the sun anymore', imħejja minn HORIZONS, kif ukoll lejla ta' poeżiji minn FARAXA. KOTBA CALLEJA qed joffru żewġ workshops fuq is-sengħa tal-legatorija.

Apparti l-pubblikaturi, parteċipanti oħra ukoll ħejjew attivitajiet għall-programm tal-Festival. Il-poetessa Miriam Calleja ser tmexxi workshop fuq it-tema ta' kitba kreattiva miftuħ għall-kittieba ta' kull livell. Din l-attività ser tinvolvi għadd ta' eżerċizzji u logħob, prompts u gwidi, kif ukoll pariri għal kitba iktar effiċjenti. Wara ser ikun hemm qari ta' poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż mill-poetessa. Attivitajiet oħra ta' interess akkademiku jew iktar ġenerali jinkludu 'Il-Malti u l-Barranin', imħejja mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, fejn nies minn oqsma diversi tal-ħajja li ddeċidew li jitgħallmu l-Malti għall-fini differenti ser jitkellmu fuq x'ħajjarhom jitgħallmu l-Malti, u 'X'naqbad ngħid?', taħdita fuq il-varjazzjoni lingwistika fil-Malti ma' Michael Spagnol. L-SPS (Students' Philosophy Society) ser jistiednu lil Prof. Hubertus von Amelunxen sabiex jagħti taħdita dwar il-fotografija bħala rappreżentazzjoni.

Kif ħabbarna diġà fi stqarrija stampa li ħarġet il-ġimgħa li għaddiet, il-mistiedna speċjali tal-Festival hija Caroline Smailes, l-awtriċi rinomata ta' diversi kotba, fosthom 'In Search of Adam', 'Like Bees to Honey', '99 Reasons Why', u 'The Drowning of Arthur Braxton' li bħalissa qed jinħadem f'film. Caroline Smailes, li għandha parentela Maltija, twieldet Newcastle u studjat il-kitba kreattiva. Matul il-festival, Smailes ser tmexxi workshops fuq it-tema ta' kitba kreattiva, u aspetti tan-narrativa bħall-għażla ta' djalogu u post, il-bżonn ta' karattri konvinċenti u konsistenti, u l-kwistjoni ta' wirt lingwistiku. Se jkun hemm ukoll attività fejn se jinqraw siltiet minn xogħolha u membri tal-pubbliku ser ikunu jistgħu jitkellmu magħha direttament.

Ta' kull sena il-programm tal-Festival jinkludi ukoll mużika u din is-sena kellna l-grupp HipHop Marmalja li dehru fl-ewwel lejla tal-Festival, fl-4 ta' April.

## *Mistur u minsi:*

## Fredu Spiteri (il-Lavarist), għannej u makkjettist Għawdxi prim



Nhar it-Tlieta, 21 ta' Marzu 2017, fis-6.00pm, il-Prof. Manwel Mifsud għamel taħdita bl-isem ta' "Mistur u minsi: Fredu Spiteri (il-Lavarist), għannej u makkjettist Għawdxi prim," fl-Università ta' Malta, Tal-Qroqq. Din hija t-tmien taħdita mis-sensiela fuq It-Tradizzjoni Orali organizzata mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università u kienet miftuħa għal kulħadd. Id-dħul kien b'xejn.

Fredu Spiteri (1929-1965), magħruf bħala "il-Lavarist" jew "Tal-Pitrolju", kien għannej u makkjettist Għawdxi mill-aħjar u l-ħila ta' kelmtu u s-simpatija kbira tiegħu kienu jiġbdu warajh il-folol Għawdxin u Maltin, kemm fis-serati u l-konkorsi tal-għana kif ukoll fil-jiem tal-Karnival. Imma billi miet ħesrem ta' 35 sena u ma laħqux saru diski tiegħu, tista' tgħid li llum jaħasra ntesa. Mill-makkjetti tiegħu, madankollu, għadna nistgħu napprezzaw il-ħila tiegħu, kif ukoll is-sehem ewlieni li kellu fl-iżvilupp tal-makkjetta fil-ħamsinijiet u s-sittinijiet tas-seklu l-ieħor, żmien li laqqa' flimkien ħafna kurrenti mużikali, lokali u barranin.

Iktar mid-diskors tal-kelliem – illi kienu se jkunu ftit – din it-taħdita offriet lil min attenda l-opportunità rari li jisma' u japprezza siltiet ta' wieħed mill-aqwa persunaġġi tal-ispettaklu Malti f'reġistrazzjonijiet rari miġbura bit-tbatija matul is-snin.

Il-Prof. Manwel Mifsud huwa awtorità ewlenija fuq l-Ilsien Malti. Għal ħafna snin kien il-kap tad-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università u l-ewwel president tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Kien ukoll is-segretarju tal-għaqda internazzjonali tad-djalettoloġija Għarbija, AIDA (Association Internationale de Dialectologie Arabe), u editur tal-atti tal-konferenzi tagħha. L-oqsma ta' riċerka li jinteressawh l-aktar huma l-istorja tal-Ilsien Malti, il-morfoloġija tiegħu (sinkronika u dijakronika), il-kuntatt bejn l-ilsna, u t-tifsil għal-lingwa. Bil-pubblikazzjoni tal-ktieb Loan Verbs in Maltese: A Descriptive and Comparative Study (Leiden: E.J. Brill, 1995), qiegħed l-istudju tal-morfoloġija mhux Għarbija fuq sisien xjentifiċi. Ilu s-snin imexxi l-programm popolari fuq radju RTK, Seħer il-Malti, u huwa midħla sew tal-qasam tal-mużika popolari.

Hemm aktar tagħrif dwar din it-taħdita u dwar "It-Tradizzjoni Orali - L-Università ta' Malta" fuq Facebook u fuq is-sit tradizzjonioraliblog.wordpress.com.

## IL-LAQGĦA LI TMISS SE TKUN IL-ĠIMGĦA, 28 T'APRIL, 2017, 7.30 PM

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **28 t'April, 2017,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieqhttp naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

# U ĠĠARRFET IT-TIEQA...



(b'apoloġija lil min ma jaħmilx il-klixejiet)
U ġġarrfet it-Tieqa
u l-poplu nstamat, immuta,
ġojjell intilef darba għal dejjem
mill-gżejra oħt tat-tliet għoljiet.
Kemm dmugħ ixxerred
diskorsi u wegħdiet mill-isbaħ
biex niżguraw li minkejja l-kors tan-natura
l-fatati li jirrendu l-boqxiex ma jintesewx...
U nqered ir-raba' qatigħ
fuq dan l-iskoll nitfa
u jkompli jinqered f'isem il-progress
bla ma tixxerred demgħa waħda
bla ma tinstema' karba waħda.
Hawnhekk il-ħdura – bi ħdura – tinbidel
f'miljuni ta' ewro fi bwiet il-kapitalisti
erbat iqtates konfoffa mal-għadu
li m'għadux la Tork u lanqas Nażist
imma Malti u Għawdxi
jara biss sal-ponta ta' mnieħru.
U waqgħet it-Tieqa
imħabba lejn artna biss ħlieqa...

***Patrick J. Sammut***

*Nhar il-Ħamis, 8 ta' Marzu, kien il-Jum Internazzjonali tal-Mara. Il-poeta Charles Mifsud ippubblika din il-poeżija għall-okkażjoni, fil-paġna tiegħu tal-Face Book. Bħala introduzzjoni għall-poeżija huwa kiteb: "Il-jum it-tajjeb lil kulħadd, l-aktar lin-nisa għall-fatt li l-lum qegħdin infakkru Jum il-Mara. Għalhekk ħsibt li nagħmel din il-poeżija".*

# VERSI F'ĠIEĦ L-OMM LI TAF TĦOBB

Għal ħadd aktar ħliefek,
għalik dawn il-versi,
ħsibijiet midmumin
biex qatt ma jnessihom iż-żmien.
Għax nixtieq li kulħadd ikun jaf
l-eroiżmu tal-mara
li lesta tiġġieled bla biża' mal-mewt,
li lesta li tagħti saħħitha bla xeħħa,
li lesta li tħobb bla barrieri,
biex tara l-uliedha henjin.
Il-qalb ta' kull mara li tħobb lill-ulied,
hi fortizza taż-żonqor,
matmura ta' fejda,
maxtura ta' fsied.
Il-mara li tħobb lil uliedha,
hi forċina fit-toqol tal-ħajja,
musbieħ meta d-dlam ikun sfiq,
port kenni fit-tiġrib.
Il-mara li tħobb ma tasalx għall-abort,
ma toqtolx,
ma taħqarx.
Insellimlek, O mara qalbiena
li tagħti lid-dinja l-ulied,
u tibqa' sa jiemek itulu,
tkebbibhom fil-fsied.

***Charles Mifsud.***

# Paul Zerafa jaqta' xagħru għal-Leukaemia Foundation

Naħseb tistaqsu: min hu Paul Zerafa?

Paul huwa t-tifel ta' Nazzarene u Maria Zerafa, membri tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria li joqogħdu Queensland.

Paul huwa haematology scientist fil-Princess Alexandra Hospital (PAH).

Huwa qiegħed jieħu sehem fil-Leukaemia Foundation's World's Greatest Shave fejn individwi jaqtgħu xagħarhom biex jiġbru fondi biex jgħinu l-Leukaemia Foundation. Minħabba li x-xogħol tiegħu għandu x'jaqsam mall-cancer diagnosis, huwa jittama li dan se jgħin għall-cancer research.

Paul qal li din il-kawża hija ferm għall-qalbu u jinsab kuntent ħafna li se jkun parti minnha.

Missieru, Nazzarene, qalli li Paul ilu ma jaqta' xagħru għal dawn l-aħħar 12-il sena. Qtugħ ix-xagħar kellu jsir nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Marzu, bejn 10:30 am u l-11:30 am fil-fojer tal-Princess Alexandra Hospital, fejn jaħdem.

Meta kellimtu l-aħħar, Nazzarene qalli li Paul ġa kien ġabar madwar $6800 għal dan il-għan. It-target kien għal $7200 u fi żmine xahar ġabar $9000..

Ma nafx jekk għadx fadal żmien biex wieħed jagħmel donazzjoni imma tistgħu tippruvaw billi tmorru f'dan is-sit tal-paġna ta' Paul https://goo.gl/KuM06D

Jiena, flimkien mall-kumitat u l-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, nifraħ lil Paul Zerafa għall-ħsieb nobbli tiegħu.





# NIKTEB BIL-MALTI

## — *Manwal Prattiku tal-Ortografija (Karl Scicluna)*




Manwal spjegat b'mod eċċellenti u mill-aktar aċċessibbli, b'werrej rigoruż u b'appendiċi li jikkumplimenta t-taqsimiet tal-ktieb innifsu. L-indiċi metikoluż iħaffef ix-xogħol għal min ikun qed ifittex diffikultà mingħajr telf ta' żmien. L-użu tal-kulur aħmar għall-konsonanti / vokali jew sekwenza tat-tnejn li jkunu qed jiġu eżaminati wkoll se jgħin ħafna 'l min ikun qed ifittex biex isolvi d-diffikultajiet li jkollu f'temp ta' ftit ħin.

It-taqsima dwar kif għandna niktbu l-kliem mill-Ingliż fil-Malti kienet tassew meħtieġa f'dan il-ktieb. F'din it-taqsima qed jingħata rikonoxximent għax-xogħol kbir imwettaq mill-Kunsill tal-Ilsien Malti u jagħti pariri siewja mhux biss meta għandna naċċettaw li nintegraw kliem mill-Ingliż imma jforni l-istruzzjonijiet meħtieġa kif għandu jsir dan.

It-taqsima tal-Konjugazzjonijiet ta' Verbi bl-għ u bl-h mhux biss tinkludi l-mudelli tagħhom imma saħansitra l-mudelli għall-verbi irregolari, bil-forom u bil-kwadrilitteri b'kollox.

Sa fl-aħħar l-għalliema tal-Malti, l-awturi, l-edituri, il-qarrejja tal-provi u l-istudenti tal-Malti għandhom l-għodda tant meħtieġa miġbura fil-paġni ta' dan il-ktieb.

# Awtur Relevanti: Oliver Friggieri — *Charles Briffa*

**Fis-27 ta' Marzu 2017 Oliver Friggieri għalaq sebgħin sena. U sabiex nagħtih ġieħ, ħriġt *Ħsiebu Jsuqu* – Oliver Friggieri Jżomm l-Idea tal-Umanità (Horizons Publications, Malta, 2017) biex jikkumplimenta l-ktieb l-ieħor li kont ħriġt qabel fuqu, The Essential Oliver Friggieri: National Author of Malta (Malta University Publishing, 2012).**

Oliver Friggieri huwa professur tal-Letteratura Maltija fl-Università ta' Malta, u huwa kritiku letterarju ewlieni u awtur nazzjonali. Ippubblika bosta xogħlijiet u fil-kitba kreattiva tiegħu jipprova jinterpreta s-sentimenti u l-attitudnijiet ta' niesna li qed jgħixu fiċ-ċentru tal-Mediterran. Hu u jestendi l-elementi ewlenin tal-kontemporanjetà, jifhem il-kreattività bħala laqgħa produttiva bejn il-letteratura u ż-żmien.

Fil-waqt li b'The Essential xtaqt nagħti ħjiel tal-qofol letterarju ta' Friggieri, bi *Ħsiebu Jsuqu* xtaqt nuri u nfisser ftit min hu Oliver Friggieri.

The Essential jinkludi xi xogħlijiet tiegħu tradotti għall-Ingliż, u jimplika li l-għażla ta' dawn ix-xogħlijiet hija rappreżentattiva tal-ħsus u l-ħsibijiet li jsawru l-istil mentali tiegħu waqt li jiddilja mal-kultura sors. Minn dawn ix-xogħlijiet tixref xbieha koerenti tiegħu bħala awtur nazzjonali kontemporanju u relevanti, sabiex il-barranin jagħrfu r-relevanza letterarja ta' Friggieri f'ambjent modern.

Permezz tal-letteratura, Friggieri jadotta l-parti tal-kuxjenza tan-nazzjon. Ixandar l-elementi pożittivi tradizzjonali ta' ġensu (Pawlu ta' Malta, L-Għanja ta' Malta, Rewwixta, Il-Belt Rebbieħa) imma jikxef ukoll il-kwalitajiet negattivi f'niesu tal-lum (Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri, Fil-Gżira Taparsi Jikbru l-Fjuri, Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija). Il-letteratura tiegħu mhijiex arma għal xi gwerra jew taqbida, imma sejħa għall-ġustizzja u l-onestà. U hija sempliċi biżżejjed biex iżżomm l-attenzjoni tal-qarrejja komuni u tintrigahom ħalli timpenjalhom il-ħsieb.

*Ħsiebu Jsuqu*, mbagħad, jissokta juri li fil-firxa letterarja ta' pajjiżna Friggieri huwa kontinwazzjoni ta' Dun Karm, u għaldaqstant fuq il-platform letterarju Friggieri għandu jitqies bħala awtur nazzjonali. Hemm fih imħabba fundamentali għal ġensna, għax il-kitbiet kreattivi, ġurnalistiċi, u akkademiċi tiegħu jidħlu b'qawwa nazzjonali u kulturali biex jagħtu rapport siewi fuq il-ħajja u r-ruħ tal-ġens. U dejjem iwassal l-ideat tiegħu b'leħen prudenti ħa jkattar l-istabilità fil-mentalità Maltija. Huwa interpretu u għassies tal-valuri u l-kultura tal-Gżejjer Maltin.




Ix-xogħol letterarju kollu tiegħu, kemm bħala professur tal-letteratura u kemm bħala rumanzier u poeta, huwa mmotivat minn tliet prinċipji prinċipali: dak li jgħid li l-letteratura trid tinvolvi ruħha soċjalment sabiex toħloq għarfien xieraq; l-ieħor li jinsisti li l-letteratura trid tirrifletti l-umanità fit-tfittxija tagħha għat-tifsir tal-ħajja; u dak li jħaqqaqha li l-letteratura trid tibda mill-interpretazzjoni tal-ambjent ta' pajjiżna u timxi lejn tifsir universali.

U l-isforzi tat-tpinġijiet tiegħu bil-bajrow (għax Friggieri jħobb ħafna jpinġi bil-bajrow) huma espressjonijiet li jixhdu ħsieb meditattiv li wkoll ifittex xi verità umana.

Il-ktieb, għalhekk, jittratta lil Oliver Friggieri bħala bniedem b'siltiet mit-timeline tiegħu u bi kwotazzjonijiet tiegħu fuqu nnifsu. Imbagħad il-ktieb iħares lejh bħala kritiku letterarju, artist, poeta, traduttur, u rumanzier. U jurihulna fuq CD u fuq l-iskrin.

Meta nikteb fuq Friggieri nsib ruħi nitkellem fuq letteratura li tikklejmja l-universalità. Għalih il-preżent jikseb profondità kull meta wieħed jassimila l-passat: "Dan ħsiebi li jsuqni fis-snin tal-imgħoddi". Bħal meta l-għajnejn jibdew joqogħdu għad-dlam u jagħrfu s-suriet tal-oġġetti fil-kamra biex l-ambjent jibda jagħmel sens, in-narrattiva mistħajla u l-poeżiji spiss jorbtu l-preżent mal-passat – rabta li trid titfittex taħt il-qoxra tal-wiċċ.

Ili (mill-anqas) għal dawn l-aħħar tletin sena naħdem miegħu bħala lekċerer fl-Università. Studjajt ukoll taħtu għad-dottorat, analizzajt bosta minn kitbietu, u tkellimt miegħu bħala ħabib u kollega. U dejjem ħassejt li bejn il-bniedem u kitbietu hemm kompatibilità, anzi hemm sħuħija. Barra minn hekk, il-letteratura tiegħu hija esperjenza ta' qari li tixraq il-kontemporanjetà għax tirrispondi għall-kondizzjonijiet tas-soċjetà tal-lum. Ma sserrħilniex rasna għalkollox, imma ġġagħalna nitħassbu, u forsi nilmħu xi xquq fil-perċezzjoni tagħna meta nħarsu lejna nfusna bħala suġġetti.

## Ittri u *emails* li nirċievu . . .

Għażiż Paul, Nittama li tinsab tajjeb. Nirringrazzjak ħafna bħal dejjem għall-PDF tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria ta' Marzu 2017 li għoġbok tibgħatli u li jien apprezzajt tassew. Nifraħlek għad-dedikazzjoni li biha tipproduċi din il-pubblikazzjoni kif ukoll għall-kwalità tal-istampa daqskemm tal-kontenut. IL-Folju huwa dokument utli bħala turija diretta tal-kitba Maltija lilhinn minn Malta, u għalhekk nawguralek li tissokta, u li tibqa' ssib l-apprezzament sħiħ li bix-xieraq inti sibt sa issa. Inselli għalik ħafna.

***Prof. Oliver Friggieri***

*Irċevejna emails oħra mingħand: Mario Micallef, Mario Griscti, Charles Mifsud, Carmel Asciaq, Carmel Mallia, Therese Pace, Miriam Ellul, Patrick J. Sammut, Rena Balzan, Fr Norbert Bonavia, mssp, Joe Sacco, Mario Tabone-Vassallo, Charmaine Tanti, Amanda Busuttil, Carmen Baxter*

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lis-Segretarja, Rosemary Attard fuq 9338-3920. Nixtiequk tkun magħna.**